**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 48 – Il-ĦAMIS 7 TA' LULU 2022**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier (assenti b'apoloġija) |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**48.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

48.1.1 Ittra ta' apoloġija mill-Kunsillier Godwin Catania minħabba mpenji ta' xogħol. Il-Kunsill approva unanimament biex il-Kunsillier Zammit ikun skużat mis-seduta.

**48.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

48.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (47) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

48.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 48.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

48.3.1 Ma kienx hemm.

## 48.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

48.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar il-preparamenti għall-preżentazzjoni tal-Iklin Community Study fejn informa li minħabba l-fatt li l-Kunsill kellu jikkordina dan l-event ma' *stakeholders* esterni, u cioè mall-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà mill-Università ta' Malta u wkoll mall-management ta' fejn kienet se ssir il-preżentazzjoni, is-Sindku kellu jipproċedi u jmexxi bid-data tal-14 ta' Lulju minħabba d-disponibbiltà tal-*venue* li ġie magħżul għal din il-preżentazzjoni. Is-Sindku Dott. Sciberras irringrazzja pubblikament lill-management tal-venue li laqa' t-talba tal-Kunsill biex isir dan l-event. Informa wkoll li l-Prof. Andrew Azzopardi u r-Riċerkatriċi Olga Formosa ser jippreżentaw dan l-istudju.

Is-Sindku kompla billi qal li tħejjiet lista tal-invitati u l-Uffiċċju kien għaddej bix-xogħol tal-loġistika biex l-event ikun qed jittella b'mod professjonali.

L-Onor. Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli, u l-Onor Dott. Darren Carabott bħala l-Kelliem għall-Kunsilli Lokali ikkonfermaw l-attendenza u se jkunu qed jonorawna bil-preżenza tagħhom.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa wkoll li ser titħejja Press Call biex tintbagħat lil Media.

48.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li f'dawn l-aħħar ġimgħat ġew irrapurtati numru ta' serq fil-lokalità. Is-Sindku informa li kien f'kuntatt mall-Community Policing u kien qed jitkellem dwar il-possibiltà li tiġi ntrodotta *neighbourhood watch*.

Id-diskussjoni ser tkompli fil-ġimgħat li ġejjin u aktar informazzjoni tingħata fis-seduta li jmiss tal-Kunsill. Is-Sindku ikkonkluda li kien importanti li l-Kunsill iwassal il-messaġġ lill-komunità biex min jinnota xi forma ta' vandaliżmu, abbużi jew serq, jagħmel rapport fl-eqreb Għassa tal-Pulizija.

48.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li CEO il-ġdid tal-Aġenzija Infrastructure Malta tefa r-riżenja tiegħu u l-Kunsill se jerġa jikteb formalment lill-Aġenzija biex jiġi ffissat appuntament biex inressqu l-konċernament tar-residenti li jirrisiedu fi Triq il-Wied. Fakkar li l-Kunsill kien għadda *snag list* lill-Aġenzija IM fi żmien is-Sur Azzopardi u baqgħet ma ġietx indirizzata. Is-Sindku se jinforma lill-Kunsillieri kif appena nirċievu data u ħin tal-laqgħa.

48.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien ikkwalifika għall-fondi taħt l-iskema għall-attivitajiet kulturali annwali 2022. Is-Sindku informa li l-Bord tal-Evalwazzjoni aċċetta l-proposta li ssottometta l-Kunsill ftit tax-xhur ilu fejn se jkun qed jibbenifika minn Eur5,351.70. Fil-verità, meta l-Kunsill ippreżenta l-*breakdown of expenses*, l-ispiża laħqet Eur11,625.04 (VAT inkluż). Is-Sindku irringrazzja lid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy għaliex ċertament dawn l-iskemi jagħtu l-appoġġ lill-Kunsill biex jassorbu parti mill-ispejjeż biex jittellgħu dawn l-attivitajiet kulturali annwali. L-edizzjoni ta' din is-sena bit-tema 'Infiorata 2022' Messaġġ ta' tama għall-ġejjieni ttellgħet f'Mejju fuq perjodu ta' ħamest ijiem bejn it-18 u t-22 ta' Mejju.

48.4.5 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar il-proposta li waslet għand il-Kunsill dwar il-pubblikazzjoni ta' ktieb minn awtur li huwa residenti L-Iklin fejn informa li l-ispiża tal-pubblikazzjoni ser tlaħħaq Eur3,400. Informa li meta wieħed iqis li ma tantx teżisti letteratura dwar il-lokalità tal-Iklin, il-Kunsill għandu jaħtaf din l-opportunità u għandu jissieħeb bħala patrun tal-pubblikazzjoni f'dan il-proġett. Kif kien diskuss fil-laqgħa preċedenti, il-kontenut jitratta l-kappelli li nsibu fil-lokalità ta' Ħal Lija u dik ta' San Mikiel li tinsab fil-konfini tal-lokalità tal-Iklin.

Informa wkoll li s-Sur Louis Fenech għadda materjal stampat interessanti dwar il-kappella ta' San Mikiel u anke materjal ieħor dwar siti arkeoloġiċi skoperti fl-Iklin miktub mill-Prof. Anthony Bonanno. Is-Sindku irringrazzja pubblikament lis-Sur Fenech għal din id-donazzjoni fejn qal li dan is-sors għandu

jkun arkivjat fil-Kunsill filwaqt li jkun disponibbli għall-komunità tal-Iklin u għall-pubbliku inġenerali.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa wkoll li s-Sur Fenech qed joffri s-servizzi tiegħu bħala voluntier bħala gwida fl-eventwalità li l-Kunsill jorganizza ħarġiet kulturali fiż-żmien li ġej.

48.4.6 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kienu ġew implimentati żewġ *speed humps* fil-parti d-dejqa ta' Triq il-Ħwawar kif kien deċiż f'waħda mis-seduti preċedenti.

## 48.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

48.5.1 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa jekk hux possibbli li l-Kunsill jintroduċi *domes* biex iservu bħala deterrent biex jinqata l-abbuż.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Kunsill kellu esperjenza fil-passat fejn kull darba li jseħħ xi inċident jew xi serqa, jew xi att vandalu, il-Pulizija tirrikorri l-Uffiċċju tal-Kunsill għall-filmati. Għaldaqstant jippreferi li jekk għandha tiġi mplimentata sistema, issir b'mod formali u mhux sempliċiment avviż bħala deterrent.

48.5.2 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet jekk il-Kunsill irċeviex komunikat mid-Dipartiment tas-Saħħa dwar B'Kara Health Centre li ser tagħlaq biex isiru xi xogħlijiet ta' manutenzjoni u rinnovar. Żiedet tgħid li milli jidher l-pubbliku se jkun qed jinqeda mill-Mosta Health Centre.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Kunsill ma rċieva l-ebda notifika dwar dan però s-sit elettroniku health.gov.mt qed itella avviż li *walk-in services* qed jiġu offruti mill-Mosta-Floriana-Gżira Health Centres.

48.5.3 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar il-possibiltà li ssir attività soċjali f'Awwissu għall-komunità tal-Iklin biex nerġgħu nibdew niltaqgħu mar-residenti permezz ta' dawn l-attivitajiet soċjali.

Is-Sindku Dott. Sciberras ta l-inkarigu biex tikkordina mall-Uffiċċju dwar il-loġistika biex il-Kunsill jippjana l-attività li jmiss.

**48.6 AĠĠUSTAMENTI LI ĠEW PROPOSTI MILL-UDITURI TAL-GVERN 2021**

48.6.1 Is-Sindku Dott. Sciberras talab sospensjoni tar-regolamenti biex jiġi diskuss item no. 48.12 minflok item no. 48.6 'Rapport tal-Korrispondenza u l-Ilmenti'. *Nem con*. Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant biex jippreżenta l-aġġustamenti li rrakkomandaw l-Udituri tal-Gvern. Is-Sindku Dott. Sciberras spjega li dawn ir-rakkomandazzjonijiet li qed jagħmlu l-udituri tal-Gvern huma ta' natura korrettiva.

48.6.2 L-Accountant qal li kien hemm disa aġġustamenti x'isiru u spjegahom wieħed wieħed fid-dettal għall-benefiċċju tal-Kunsillieri.

48.6.3 Imbagħad is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi kummenti jew kjarifiċi xi jsiru mill-Kunsillieri. Ma kienx hemm.

48.6.4 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Bernice Farrugia biex japprovaw l-aġġustamenti kif rakkomandat mill-Udituri tal-Gvern.

48.6.5 L-aġġustamenti qablu magħhom *nem con*.

48.6.6 Imbagħad l-Accountant ippreżenta l-Istqarrijiet Finanzjarji riveduti wara li saru l-aġġustamenti. Dawn ġew datati mill-ġdid bid-data tas-7 ta' Lulju 2022. Ġew moqrija mill-ġdid u spjegati fid-dettal.

48.6.7 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet jew kjarifiċi x'isiru qabel ma jittieħed vot. Ma kienx hemm.

48.6.8 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

48.6.9 L-Istqarrijiet Finanzjarji ġew approvati *nem con*.

48.6.10 Imbagħad is-Sindku ħa ħsieb jaqra *representation letter* għas-sodisfazzjon tal-preżenti.

**(Ara dok. E)**

## 48.7 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

48.7.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-8 ta' Ġunju u l-5 ta' Lulju 2022 kif jidher fid-dokument A u B.

48.6.2 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet dwar korrispondenza nru. 1227/22. Titjib fil-playing field.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kienet daħlet applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-istallazzjoni ta' *sail shades* peress li hija struttura ġdida li tipprovdi kenn mill-elementi.

48.6.3 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo irrelatat dwar korrispondenza nru. 1153/22. Healthy Cities Dissemination Event.

Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo infurmat lill-preżenti li kienet attendiet għal dan l-avveniment u staqsiet jekk il-Kunsill ikunx imħajjar li ssir xi ħaġa simili bħalma għamel il-Kunsill Lokali tal-Isla.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Kunsill Reġjonali Lvant daħal għall-proġett simili bl-isem Active Travel fejn anke ġiet stallata *totem sign* ħdejn il-playing field biex nippromwovu rotta għal min juża r-rota, u l-mixi minn raħal għall-ieħor. B'dan il-mod qed issir promozzjoni biex il-pubbliku ibiddel l-istil ta' ħajja billi juża mezzi differenti permezz ta' eżerċizzju fiżiku li tissarraf fi kwalità ta' ħajja sana.

48.6.4 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1154/22. Discounted internet connection for Council Hall.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li Iklin Scout Group li qed jagħmlu użu mis-Sala tal-Kunsill staqsew jekk kienx possibbli li nipprovdu s-servizz tal-internet connection. Peress li l-Kunsill ser ikompli għaddej bir-rinnovazzjoni tas-Sala, kienet inevitabbli li s-Sala ma jkollhiex dan is-servizz.

Inġiebet kwotazzjoni mingħand il-kumpannija GO peress li qed joffru prezzijiet speċjali lill-Kunsilli għal dan is-servizz. *Nem con*.

**COMPLAINTS SHEET (8 June - 5 July 2022)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 109 | 10/06/2022 | Talba bies jinżabru s-siġar ta' quddiem id-dar tagħha 27, Triq Mons P. P. Saydon. | closed | 27, Triq Mons. P.P Saydon | **Contractor** |
| 110 | 10/06/2022 | Resident qed jilmenta li ħiereġ overflow ta' drenaġġ minn residenza ta' residenza oħra fil-viċinanzi - 100 Sandford, Triq il-Wied | pending | | |
| 111 | 10/06/2022 | Ilment rigwad żibel mhux miġbur | settled | 12, St Joseph Triq iċ- Ċitru Iklin | **Contractor** |
| 112 | 10/06/2022 | Talba biex jingħata isem Sqaq fi Triq il-Ħwawar | pending | Triq il-Ħwawar | **COUNCIL** |
| 113 | 13/06/2022 | Ilment dwar id-doggy bins | settled | | **COUNCIL** |
| 114 | 13/06/2022 | Ilment rigward resident li mhux qed inaddaf wara l-kelb. | pending | | **COUNCIL** |
| 115 | 13/06/2022 | Ilment rigward ħmieġ fi Triq ES Inglott | pending | Triq S. Inglott | **Contractor** |
| 116 | 13/06/2022 | Ilment dwar borġ ramel u trab mar-riħ fi Triq San Mikiel | Pending | | |
| 117 | 13/06/2022 | Ilment rigward borża taż-żibel mhux miġbura | Settled | | **COUNCIL** |
| 118 | 14/06/2022 | Ilment dwar żibel mhux miġbur Trejqet il-Poeti | Settled | Trejqet il-Poeti | **Contractor** |
| 119 | 09/06/2022 | Talba biex parkeġġ bejn żewġt garaxxijiet fi Triq Dott. Pawlu Grech isir isfar. | Pending | Triq Pawlu Grech | **COUNCIL** |
| 120 | 14/06/2022 | Ilment rigward rampa tiżloq ħafna fi Triq il-Klin quddiem Tal-lira/JB stationery. Resident waqa' u weġġa. Nota: Diġa kien hemm inċidenti simili. | pending | | **Council** |
| 121 | 14/06/2022 | Ilment fuq żibel li ma ngħabarx minn quddiem il-garage fi Triq E. S. Inglott | settled | Triq E S. Inglott | **Contractor** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 122 | 14/06/2022 | Ilment dwar ħaxix fuq il- bankina Triq il-E S Inglott c/w Triq Ġ. Pesci | pending | Triq E S. Inglott | **COUNCIL** |
| 123 | 14/06/2022 | Ilment dwar ilma ħiereġ fi Triq E S Inglott | pending | Triq E S. Inglott | **COUNCIL** |
| 124 | 17/06/2022 | Ilment dwar ġrieden fi Trejqet ir-Rumanzieri L-Iklin | settled | Triq ir-Rumanzieri | **Health Directorate** |
| 125 | 17/06/2022 | Ilment dwar żibel mhux miġbur fi Triq Ġ. Abos | settled | Ġ. Abos | **Contractor** |
| 126 | 17/06/2022 | Ilment rigward bankina mkissra u perikoluża fi Triq E. Serracino Inglott (photos taken) | pending | E. Saracino Inglott | **COUNCIL** |
| 127 | 17/06/2022 | Ilment dwar ipparkjar perikoluż ta' coach fuq *double yellow lines* fi Triq il- Wied ħdejn ir-Razzett l-Aħmar. | pending | Triq il- Wied | **COUNCIL** |
| 128 | 20/06/2022 | Ilment dwar drenaġġ fil-proprjetà minħabba xoghlijiet fuq il-bankina quddiem no. 23, fi Triq il-Harruba | Email sent | 23 Triq il-Harruba | **WSC Drainage** |
| 129 | 20/06/2022 | Sleeping police żarmata u perikoluża fit- tarf tat-Triq K. Vassallo | pending | Triq K. Vassallo | **COUNCIL** |
| 130 | 20/06/2022 | Ilment dwar żibel li waqa' fit-triq mill-iscammel fi Triq il-Mużika /Triq iċ-Ċitru | settled | | **COUNCIL** |
| 131 | 20/06/2022 | Ilment rigward żibel mhux miġbur kull nhar ta' Tnejn fi Triq in-Naxxar | settled | Triq in-Naxxar (next door to Josies) | **R&A** |
| 132 | 20/06/2022 | Ilment rigward żibel mhux miġbur fi Triq il- Prinjol | settled | Triq il-Prinjol | **R&A** |
| 133 | 13/06/2022 | Ilment dwar wires tad-dawl għaddejjin minn quddiem it-tieqa fi Triq Karmenu Vassallo | closed | Triq Karmenu Vassallo | **ENEMALTA** |
| 134 | 17/06/2022 | Talba biex isir il-metru mill-garaxx għax il-kaxxa l-bajda qiegħda eżatt mad-daħla tal-garaxx u qed issibha diffiċli biex tidħol u toħroġ mill-garaxx fi Triq Ġwann Mamo | pending | Triq Gwann Mamo | **COUNCIL** |
| 135 | 25/06/2022 | Kurduna mkissra fejn 12 Triq A Buttigieg, biex titranġa wkoll. | pending | Triq A Buttigieg | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 136 | 25/06/2022 | Alarm idoqq mal-lejl fi Triq il-Klin (Tal-Lira) | settled | Triq il-Klin | **Police** |
| 137 | 25/06/2022 | Hanging bulb (baxxa) quddiem 21, Triq E S Inglott. | pending | Triq E S Inglott | **Contractor** |
| 138 | 25/06/2022 | Ħaxix u ħmieġ fi Triq E S Inglott fejn bankijiet | pending | Triq E S Inglott | **INNOVATIVE** |
| 139 | 27/06/2022 | Ħmieġ fit-Triq G. Mamo | pending | Triq G. Mamo | **COUNCIL** |
| 140 | 27/06/2022 | Ħofra u nies li ikunu fil garaxx jitfgħu l-urina fil-ħofra fit-Triq G. Mamo | pending | Triq G. Mamo | **COUNCIL** |
| 141 | 27/06/2022 | Ilment rigward siġar ħerġin twal fi triq Dun Karm, residenta qed ikollha tinżel il-bankina fi Triq Dun Karm biex timxi. Perikoluża. Mara ta' 72. Ilment sar f'Mejju wkoll. | settled | Triq G. Bonnini lejn The Model Shop | **COUNCIL** |
| 142 | 24/06/2022 | Ilment rigward parkeġġ ħażin fi Triq il-klin | settled | Triq il-klin | **COUNCIL** |
| 143 | 27/06/2022 | Ilment rigward mużika eċċessiva mil-Parties fir-Razzet l-Aħmar fi Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **Council** |
| 144 | 28/06/2022 | Resident jilmenta dwar karrozzi bin-number plate bil-Y (Taxi) ipparkjati fil-parking spaces fi Triq il-Klin u jekk dak hux legali. | pending | Triq il-Klin | **COUNCIL** |
| 145 | 28/06/2022 | Ilment rigward żibel organic u borża sewda mhux miġbur is-Sibt u t-Tnejn fi Triq Ġ. Callejja | settled | Triq Ġ. Callejja | **COUNCIL** |
| 146 | 28/06/2022 | Ilment rigward żibel mhux miġbur kull nhar ta' Tnejn fi Triq Ċ. Busuttil | settled | Triq Ċ. Busuttil | **COUNCIL** |
| 147 | 28/06/2022 | Ilment dwar ħamiema mejta fuq il-bankina fi Triq S. Erardi | settled | Triq S. Erardi | **Council** |
| 148 | 28/06/2022 | Ilment rigward żibel mhux miġbur fi Triq K. Vassallo | settled | Triq K. Vassallo | **COUNCIL** |
| 149 | 30/06/2022 | Ilment rigward ħofra fit-telgħa tal-Għaqba Iklin | settled | Telgha tal-Ghaqba | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 150 | 30/06/2022 | Ilment rigward żibel mhux miġbur fi Triq Ċensu Bugeja | pending | | **COUNCIL** |
| 151 | 30/06/2022 | Ilment tabella fl-art fi Triq Ġużè Pesci c/w A.M. Caruana | settled | Triq Ġużè Pesci | **COUNCIL** |
| 152 | 30/06/2022 | Talba ta' parking space for a motor cycle fi Triq iċ-Ċitru | pending | Triq iċ-Ċitru | **COUNCIL** |
| 153 | 01/07/2022 | Ilment rigward ħmieġ tal-klieb fil-bandli taħt il-gazebo | settled | | **COUNCIL** |
| 154 | 01/07/2022 | Ilment dwar tfal jiddendlu mal-gazebo fil- bandli | pending | | **COUNCIL** |
| 155 | 02/07/2022 | Ħaxix u ħmieġ fi Triq E S Inglott fejn il- bankijiet (street furniture) | Pending | Triq E S Inglott | **Contractor** |
| 156 | 02/07/2022 | Nuqqas ta dawl fi Triq E S Inglott sa Villa Zapata | pending | Triq E S Inglott | **COUNCIL** |
| 157 | 02/07/2022 | Nuqqas ta' dawl fi Triq Għargħur c/w Triq il-Ħwawar għax qegħdin iħallu ħafna żibel | pending | Triq Għargħur c/w Triq il-Ħwawar | **COUNCIL** |
| 158 | 02/07/2022 | Ħġieġ ma nġabarx ta 5, Triq iċ-Ċitru | pending | Triq iċ-Ċitru | **Contractor** |
| 159 | 02/07/2022 | Bozoz ta Triq il-Ħwawar minn Triq il-Wied il ġewwa mitfija | settled | Triq il-Ħwawar | **ENEMALTA** |
| 160 | 28/06/2022 | Talba biex jizdied id-dawl fi Triq Hal Gharghur ghaliex hemm hafna dlam | Pending | Triq Ħal Għargħur | **COUNCIL** |
| 161 | 04/07/2022 | (3) Bozoz mitfija fi Triq il-Ħwawar | settled | Triq il-Ħwawar | **ENEMALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 162 | 04/07/2022 | Bozza mitfija quddiem Villa għall-Kwiet u bozza tixgħel f'nofs il-lejl | pending | Triq il-Luq | **ENEMALTA** |
| 163 | 05/07/2022 | Hemm id-dawl ta' barra ta' Triq il-Ħwawar u Triq il-Wied mhux jixgħel | pending | Triq il-Wied/Triq il-Hwawar | **ENEMALTA** |
| 164 | 05/07/2022 | Pressa baxxa tal-ilma wara li sar it-tarmak fi Sqaq il-Hwawar | pending | Xwieki farmhouse,Sqaq il-Ħwawar | **COUNCIL** |
| 165 | 05/07/2022 | Il-boroż mhux qed jinġabru minn Sqaq il-Ħwawar, talba ta' skip biex jitfgħu il-boroż ġo fiha | pending | Xwieki Farmhouse,Sqaq il-Hwawar | **COUNCIL** |
| 166 | 05/07/2022 | Trakk waqqa' ħames xkejjer mar-round about ta ħdejn il-Maypole (Triq G. Abos) | settled | | **Police/Council** |

## 48.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

48.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

48.8.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

48.8.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri, Bernice Farrugia u Godwin Catania.

48.8.4 Awtorizazzjoni għal xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għax-xiri ta' aluminium telescopic ladder għall-użu tal-Uffiċċju u s-Sala tal-Kunsill mingħand il-fornitur Multitrade Ltd għall-prezz ta' Eur282.56c VAT inkluż; *Nem con*.

2. Kwotazzjoni għal sessjoni ta' fotografija u xiri ta' A2 printing of frames 420 x 594mm mingħand il-fornitur Perspettiva għall-prezz ta' Eur342.20c VAT inkluż. *Nem con*.
3. Kwotazzjoni għal servizz ta' Uffiċċjali tal-Komunità għall-Festa tas-Salvatur – 5-6 ta' Awwissu 2022 mingħand l-Aġenzija LESA għall-prezz ta' Eur1,530.20c VAT inkluż.
   Kien hemm qbil unanimu li jsir *deployment* ta' (2) Uffiċċjali oħra tal-Komunità biex ikunu fixed point mall-planters fi Triq San Mikiel biex ma ssirx ħsara lix-xitel tal-klin u r-rand matul lejljiet u nhar il-Festa. *Nem con*.

Is-Sindku Dott. Sciberras spjega li l-kappella ddedikata lil San Mikiel li tinsab fil-ġurisdizzjoni tal-Kunsill Lokali L-Iklin għandha titqies bħala patrimonju reliġjuż li għandu jiġi dokumentat f'forma ta' publikazzjoni għall-ġenerazzjonijiet futuri. F'dan il-kuntest, il-Kunsill għandu jkun parti minn dan il-proġett u jkun wieħed mill-patruni ta' din il-pubblikazzjoni.

Imbagħad, is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Godwin Catania biex jawtorizza l-ispiża ta' Eur500.00 bħala parti mill-ispiża ta' din il-pubblikazzjoni ta' ktieb dwar il-kappelli li nsibu f'Ħal Lija u L-Iklin.

Il-Kunsill approva *nem con*.

## 48.9 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

48.9.1 Applikazzjoni PC 0018/22 – Triq Ċensu Busuttil c/w Triq Mons. Pietru Pawl Saydon, L-Iklin. Proposed change in alignment to form 3m front garden on Triq Ċensu Busuttil and continuation of existing front garden on Triq Mons. Pietru Pawl Saydon.

48.9.2 Applikazzjoni PA 03122/22 – Triq il-Mużika, L-Iklin. 'To sanction the property as built from what was approved in PA4446/15, including internal changes.

48.9.3 Applikazzjoni PA 02645/22 – Triq Carmelo Pace, L-iklin. Renewal of PA 10547/17 'Construction of two semidetached bungalows'.

## 48.10 TALBA GĦAL RIMBORŻ LILL-KUNSILL REĠJONALI LVANT GĦALL-PROĠETT LI SAR FI SQAQ IN-NAMUR.

48.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill Reġjonali Lvant ikkommetta fondi fosthom għall-proġetti ta' titjib fil-lokalità, liema vot ilaħħaq Eur35K. Dawn ser ikunu għad-dispożizzjoni tal-Kunsilli Lokali għalhekk ikun tajjeb li l-Kunsill jitteppja dan il-fond għall-proġetti fil-lokalità.

Imbagħad ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex il-Kunsill jitlob rimborż tal-ispiża li saret fuq il-proġett ambizzjuz li tlesta ftit tal-ġimgħat ilu b'fondi tal-Kunsill għal Sqaq in-Namur liema spiża ġiet tlaħħaq circa Eur30K.

48.10.2 Il-mozzjoni għaddiet *nem con*.

48.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ser jieħu ħsieb jikteb lill-Kunsill Reġjonali Lvant u jippreżenta estratt tal-minuti, kopji tad-dokumentazzjoni kollha rilevanti nkluż dik tal-Perit, kopji tar-riċevuti fiskali u evidenza fotografika tal-proġett.

## 48.11 PREŻENTAZZJONI TAL-ISTUDJU LI SAR MILL-FAKULTÀ TAL-BENESSERI SOĊJALI DWAR IL-ĦTIĠIJIET TAL-LOKAL U L-KOMUNITÀ

48.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras faħħar l-istudju li sar mill-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà mill-Università ta' Malta. Id-Dekan il-Prof. Andrew Azzopardi u t-tim professjonali tiegħu għamlu xogħol metikoluż u qal li min kellu l-ħin jaqra l-istudju, jinnota li r-rapport huwa wieħed dettaljat u ċertament huwa studju li joffri sfidi kbar lill-Kunsill fejn il-ħtieġa ta' komunità tinħass mir-residenti stess u dan jawgura tajjeb biex jittieħdu l-azzjonijiet neċessarji biex issir bidla jew aħjar it-trasformazzjoni li hemm bżonn.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa wkoll li għall-preżentazzjoni tal-istudju, kien tkellem mad-Dekan u kienu lesti joffru numru tal-istudju f'forma stampata. Dan se jkun disponibbli għal *key players* u *stakeholders* importanti fil-komunità.

Is-Sindku informa li d-Dekan Prof. Andrew Azzopardi ser jagħmel introduzzjoni filwaqt li r-riċerkatriċi Olga Formosa ser tagħmel il-preżentazzjoni tal-istudju. Imbagħad se jkollna r-reazzjoni tal-Onor. Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali Alison Zerafa Civelli, il-Kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Kunsilli Lokali Dott. Darren Carabott, u l-President tal-Kunsill Reġjonali Lvant is-Sur Anthony Chircop.

Il-preżentazzjoni se ssir ġewwa r-Razzett l-Abjad u wara ssir bibita. *Nem con*.

**48.12 FESTA TAS-SALVATUR 2022 U L-KONTRIBUT TAL-KUNSILL LOKALI L-IKLIN**

47.12.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-Kunsillieri li wara nuqqas ta' senjtejn minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-Festa tas-Salvatur terġa tirritorna u għaldaqstant il-Kunsill Lokali L-Iklin huwa kommess li jagħti s-sostenn u l-assistenza tiegħu peress li l-piroteknika ssir fil-konfini tal-lokalità tal-Iklin.

Informa li l-Kunsill kien irċieva l-programm tal-festa dwar l-ispettaklu tan-nar tal-ajru mill-Għaqda tan-Nar San Mikiel A.D. 1925 għal-lejliet u nhar il-Festa, 5 u 6 ta' Awwissu.

Wara li ġiet diskussa l-loġistika, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jieħu ħsieb jordna l-Uffiċċjali tal-Komunità u servizzi extra tal-indafa fi Triq San Mikiel u t-toroq immedjati biex nassiguraw l-indafa pubblika wara kull ġurnata tal-attività.

Bħal ma sar fis-snin preċedenti, peress li fi Triq San Mikiel tattira saħħa ta' nies biex jaraw l-ispettaklu tan-nar tal-ajru nhar il-5 ta' Awwissu, il-Kunsill ser jieħu ħsieb iġib avviż fil-Ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern biex isir sospensjoni tal-parkeġġ u t-traffiku nhar il-5 u 6 ta' Awwissu fi Triq San Mikiel filwaqt li t-Telgħa tal-Għaqba

se tingħalaq f'xi ħinijiet għat-traffiku bl-involviment tal-Aġenzija LESA. Fi Triq San Mikiel se jkunu armati numru ta' posti u kiosks u għaldaqstant il-Kunsill se jkun qed jagħmel avviż fil-Ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern.

Kien hemm qbil unanimu li minbarra l-assenjar tal-Uffiċċjali tal-Komunità biex tingħalaq Triq San Mikiel u t-Telgħa tal-Għaqba, kien deċiż li jiġu assenjati żewġ Uffiċċjali tal-Komunità fixed point biex jgħassu l-planters fi Triq San Mikiel biex ma ssirx ħsara lill-imsemmija planters.

Kien deċiż ukoll li jintalbu numru ta' barrikati lill-Kummissarju tal-Pulizija biex niċċirkondaw il-planters bħala protezzjoni. *Nem con*.

## 48.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

48.13.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 2 ta' Awwissu 2022 fil-5.30 p.m.

48.13.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Awwissu 2022 fil-5.30 pm.

48.13.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.13 p.m.

IFFIRMAT

______________________

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

IFFIRMAT

______________________

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv